MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Talba Numru. 99/2013

**GO p.l.c.**

**vs**

**Carmel CACHIA [ID. Nru. 528861(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-27 ta' Frar, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' tmien mija sebgha u disghin euro u sitta u sebghin centezmu ta' euro [€897.76c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmin mija u sebgha u disghin ewro u sitta u sebghin centezmi (€897.76) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40162564 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-

registru Elettorali u Dok IZY 4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fis-7 ta' Marzu, 2013 skond il-ligi, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-10 ta' April, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar l-10 ta' April, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmien mija sebgha u disghin euro u sitta u sebghin centezmu ta' euro [€897.76c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------